

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7217 — Facebook / WhatsApp)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 297/04)

1. Fid-29 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Facebook, Inc. ("Facebook", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' WhatsApp Inc. kollha kemm hi ("WhatsApp Inc.", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Facebook: provvista ta' websajts applikazzjonijiet tal-mowbajl li joffru networking, funzjonalitajiet ta' komunikazzjoni lill-konsumatur u ta' qsim ta' ritratti / vidjows, provvista ta' spazju onlajn għar-rikklamar,
 - għal WhatsApp: provvista ta' applikazzjoni tal-mowbajl li toffri funzjonalitajiet ta' komunikazzjoni lill-konsumatur.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi biex jissottomettu lilha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7217 — Facebook / WhatsApp, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").